# Kelinu Zammit "Ta' Xiffa" 87 Sena minn Mewtu

minn Carmel Bianchi



Ħafna huma tal-fehma li festa bla nar, hi festa mejta. Il-logħob tan-nar, kemm tal-art kif ukoll tal-ajru, jagħti ħajja lill-festa. Iżda qatt għaddielna minn moħħna, kemm dawn in-nies, ipoġġu ħajjithom fil-periklu biex jagħtu gost u jpaxxu lil dawk li jħobbu n-nar?

U proprju llum, se nfakkru wieħed mill-vittmi ta' diżgrazzja tan-nar li seħħet 87 sena ilu.

Min jaf kemm-il darba aħna l-Qormin, waqt waħda mill-mixjiet li nagħmlu minn Fuq Tal-Blat u nibqgħu sejrin lejn in-niċċa ta' San Ġwakkin, naraw salib bl-annu *1924* ingastat fil-ħajt tas-sejjieħ. Ma tidher ebda kitba oħra. Madwar dan is-salib, hemm żewġ palmiet u kuruna tar-rand, imdawra mas-salib u l-palm. Min jaf kemm-il darba saret il-mistoqsija, *din il-lapida ta' min hi?* Biex ma ntawwalx għax l-ispazju huwa limitat, ngħidilkom li dik il-lapida tfakkar id-diżgrazzja ta' Kelinu Zammit li ġrat nhar is-27 ta' April, 1924. Għadni niftakar, kont rajt lill-Kan. Mikiel Zammit jiżbogħ din il-kapida li llum tinsab fil-post fejn jinħadem in-nar.

Kelinu Zammit twieled nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju 1897. Kien l-għaxar wild tal-Qormi Salvu Zammit, *Ta'Xiffa*. Ommu kien jisimha Kristina mwielda Camilleri, *Tal-Qamħa* miż-Żurrieq. Kelinu kien skarpan.

Dari l-festa ta' San Ġorġ kienet issir nhar it-23 ta' April. Imma billi fis-sena 1924 l-Għid il-Kbir kien nhar l-20 ta' April, il-festa ma setgħetx issir nhar it-23 ta' April. Kellha tgħaddi l-Ottava kollha tal-Għid. Allura l-festa ta' San Ġorġ fis-sena 1924 kellha ssir it-Tnejn 28 ta' April.

Il-Ħadd 27 ta' April, lejlet il-festa ta' San Ġorġ, kif ukoll għadha d-drawwa sa llum, issir il-quddiesa tat-*Te Deum* bħala radd il-ħajr lil Alla, għat-tlett ijiem tat-Tridu. Dawk kollha akkaniti, li jaħdmu n-nar, u fil-vini tagħhom hemm jiġri demm Ġorġjan, bl-akbar ħeġġa fihom, kienu jaħarqu l-murtali.

Iżda ġara dakinhar, kien madwar id-9.30 ta' filgħodu, Kelinu *Ta' Xiffa*, milli jidher ma kienx induna li wieħed miż-żewġ murtali li kellu ppressati fil-kanna kien għadu ma ħadlux. Ma ndunax li kien għadu ma telax. Tqarraq... ried jaċċerta ruħu u mar jittawwal fil-kanna. Ħin bla waqt tela' l-murtal u ħadlu f'wiċċu... u qatlu!

Din l-aħbar ġabet niket kbir f'Ħal Qormi. Il-katavru ta' Kelinu minnufih ħaduh fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana (fejn illum hemm il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija). Il-familja ta' Kelinu dehrilhom li l-mewt traġika ta' ħuhom ma kellhiex għalfejn twaqqaf u tisfratta l-festa.

Il-Kumitat Festi Esterni tlaqqa' f'seduta straordinarja dakinhar ta' Jum il-Festa t-Tnejn, biex jorganizzaw għall-għada t-Tlieta 29 ta' April, il-funeral. Dawn qalu bejniethom x'kellu jsir:

1. Il-Kumitat Festi Esterni kien se jidħol minn rajh għall-ispejjeż kollha tal-funeral, biex il-familja ma titħalliex tbati u titgħabba iżjed milli bin-niket tal-luttu;

2. Permezz ta' ċirkolari kien se jistiednu jieħdu sehem fil-Korteo Funebri rappreżentanti tal-baned kollha li kienu għadhom kemm ġew idoqqu fil-jiem tal-festa; u l-funeral kien se jibda tiela' minn ħdejn il-knisja l-qadima ta' San Bastjan għal Triq il-Vitorja sal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn kellu jsir it-talb u fejn kienet se ssir ukoll id-difna mill-oqbra tal-komun.

Kollox kien sar kif kien ippjanat. Ħal Qormi ħareġ bi ħġaru jagħti l-aħħar tislima lil dan ħuna Kelinu. Irġiel lebsin gala bil-kpiepel tat-trizza, iġorru l-kuruni. Mal-ġnub tat-triq dehru n-nisa bl-għonienel u l-irġiel bis-sidrija u l-beritta.

Kelinu Zammit indifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ nhar it-Tlieta 29 ta' April 1924 fil-korsija l-kbira tan-nofs fil-qabar nru. 57.

**Referenza:**

Kan. Ġwakkin Schembri *Leħen Ħal Qormi*, Ġunju 1994.

